**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 22 ta' Ottubru, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 58/2020 AF**

**GM Corporate & Fiduciary Services Limited**

**vs**

**Med Connections Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' GM Corporate & Fiduciary Services Limited, li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Is-socjetà attrici giet imqabbda mis-socjetà konvenuta sabiex tipprestalha servizz ta' Corporate Services Provider u servizzi ancillari.

Dawn is-servizzi inghataw kontinwament fuq medda ta’ zmien, u dan sas-sena 2018.

Il-korrispettiv dovut lis-socjetà attrici llum jammonta ghal Euro 22,939.04, u dan kif jirrizulta minn kopja tal-istatement relattiv, hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. A.

Is-socjetà konvenuta ma hallsitx il-kontijiet taghha, liema kontijiet huma skond il-fatturi hawn annessi, esebiti u mmarkati bhala Dok. B-N.

Nonostante li kienet debitament interpellata sabiex thallas dak dovut minnha, s-socjetà konvenuta baqghet inadempjenti.

Dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza tas-socjetà attrici.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li s-socjetà konvenuta hija debitur tas-socjetà attrici fis-somma ta’ tnejn u ghoxrin elf, disa’ mija u disa’ u tletin Ewro u erba’ centezmi (Euro22,939.04).

2. Tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lis-socjetà attrici l-ammont ta’ tnejn u ghoxrin elf, disa’ mija u disa’ u tletin Ewro u erba’ centezmi (Euro22,939.04).

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali 267/19 tal-24 ta’ Jannar 2019, u tal-Mandati kawtelatorji intavolati kontestwalment ma’ dan l-Att, u l-imghax legali dekoribbli mid-data ta’ kull fattura, kontra s-socjetà konvenuta, li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, s-socjetà intimata minkejja li giet debitament notifikata, baqghet ma wegbitx ghall-kawza.

Semghet xhud viva voce.

Rat li, minkejja li giet moghtija l-fakoltà biex tipprezenta sottomissjonijiet bil-miktub, din ma ressqet ebda nota.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Doveruz ghall-Qorti ttenni l-insenjament ta' dawn il-Qrati illi l-kontumacja ta' parti f'kawza m'ghandhiex tigi meqjusa bhala ammissjoni u jibqa' jinkombi fuq rikorrenti li jipprova sal-grad rikjest mil-ligi dak li jigi allegat.

Fil-kaz in ezami, dan l-oneru jinsab sodisfatt, permezz tad-dokumenti esibiti u konfermati bil-gurament mid-Direttur tsl-istess socjetà rikorrenti.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li s-socjetà konvenuta hija debitrici tas-socjetà attrici fis-somma ta' tnejn u ghoxrin elf, disa' mija u disa' u tletin Ewro u erba' centezmi (Euro22,939.04).

2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lis-socjetà attrici l-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf, disa' mija u disa' u tletin Ewro u erba' centezmi (Euro22,939.04), bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Med Connections Limited.

IMHALLEF

DEP/REG